# Ix-Xlokk l-Ewwel Art

*Kitba tal-Perit Ruben Abela - President ta' Wirt iż-Żejtun*



Mat-tbexbix ta' nhar il-Ġimgħa 18 ta' Mejju 1565, dehru l-ewwel xwieni Torok fuq ix-xefaq tax-Xlokk. Ingħataw is-sinjali minn fuq Sant Iermu u Sant' Anġlu permezz ta' sparar tal-kanuni, dan biex javżaw l-Imdina u 'l Għawdex bil-wasla tal-għadu. Mas-sinjal, in-nies bdew jinġabru għall-kenn tal-Birgu u l-Imdina. Sa nofsinhar tal-għada s-Sibt, it-Torok kienu diġa' niżlu 3,000 suldat u bdew mexjin lejn iż-Żejtun. Qrib iż-Żejtun saret l-ewwel taqtigħa mal-Insara. Dan kien il-bidu tal-Assedju l-Kbir tal-1565. Ix-Xlokk ta' Malta kienet l-ewwel art li fuqha rifsu t-Torok, 450 sena ilu.

Wara li s-sena l-oħra Wirt iż-Żejtun fakkret l-400 sena mill-aħħar ħbit tat-Torok tal-1614, kien xieraq li din is-sena ningħaqdu mal-kumplament tal-pajjiż sabiex infakkru għeluq l-450 sena mill-Assedju l-Kbir. Ħassejna li din it-tifkira niċċelebrawha bi twettieq ta' proġett utli f'gieħ il-wirt kulturali li għandna fiż-Żejtun. Xtaqna li dan il-proġett b'xi mod ikollu x'jaqsam max-Xlokk ta' Malta, l-ewwel art li fuqha niżlu t-Torok meta invadew lil Malta fl-1565. L-għażla ta' dan il-proġett kienet waħda naturali, mappa unika minquxa fil-ġebla Maltija li turi d-dehra tax-Xlokk ta' Malta bix-xemx tielgħa mil-Lvant. Din il-mappa tinsab fuq il-bieb prinċipali tad-dar tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesu', fi Triq San Luċjan, viċin ħafna tal-iskola primarja taż-Żejtun, u li inċidentalment, dan il-bini kien ukoll intuża bħala skola.



Dwar il-bidu tal-edukazzjoni fiż-Żejtun, matul is-snin li għaddew saret riċerka tajba ħafna mill-Kan. Dun Joe Abela u ma nħossx li huwa l-lok li nidħol f'dettall dwarha. Nirreferi biss għall-fatt, li, t-tagħlim tat-tfal fiż-Żejtun ra l-bidu tiegħu fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax bil-ħidma ħabrieka tal-kjeriku Dun Alwiġ Camilleri (1774 – 1849). Dun Alwiġ sab l-għajnuna tal-Isqof Ferdinando Mattei, li kellu wkoll residenza fiż-Żejtun fejn illum hemm il-Junventutis Domus Sacra Familia, jew kif nafuh aħna ż-Żwieten "id-Domus". Kellu wkoll l-għajnuna tal-Kappillan Dun Bert Sant u l-Konslu Spanjol Alberto de Megino. B'hekk l-ewwel skola li kien hawn kienet titmexxa mill-Knisja.

Jidher li fl-1819 dan it-tagħlim beda jsir fil-mezzanin li kien hemm wara l-Knisja tal-Ispirtu s-Santu li wara xi żmien kellhom bżonn ta' aktar wisa' minħabba l-ammont ta' tfal dejjem jiżdied. Kien għalhekk li fuq l-istess lok inbniet dar li għadha hemm sal-lum biex isservi bħala skola. Sabiex inbniet din id-dar kien hemm l-għajnuna finanzjarja mhux biss tal-Isqof Mattei u l-Kavallier Megino, iżda wkoll tal-poplu Żejtuni u kif ser naraw aktar 'il quddiem dan huwa dokumentat fil-bini stess. Xi snin wara, fl-1838, din l-istess dar għaddiet għand il-Gvern li ried jieħu t-tagħlim taħt idejh, u baqgħet tintuża għall-istess għan sakemm infetħet l-iskola tal-Gvern li nafu llum.

Dan il-bini llum huwa magħruf bħala Dar San Ġużepp u fih hemm il-komunita' tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesu'. Il-bini huwa mibni fuq stil Neo-Klassiku u għandu żewġ faċċati, dik prinċipali fuq Triq San Luċjan u faċċata tal-ġenb fuq Triq l-Ispirtu s-Santu. Huwa mibni fuq żewġ sulari għoljin, u min-naħa ta' Triq San Luċjan huwa xxuxxat ftit 'il fuq peress li hemm kantina taħt din il-faċċata. Il-faċċata prinċipali hija kważi simetrika, b'bieb ċentrali u gallerija miftuħa fuqu sserraħ fuq saljatura sħiħa li titla' minn fuq l-istess bieb. Minquxa bħala *basso riliev* f'din is-saljatura nsibu l-mappa li rreferejt għaliha aktar 'il fuq.



Fit-tieni sular barra l-gallerija ċentrali, hemm żewġ galleriji oħra, waħda fuq kull naħa, u t-tlieta li huma għandhom ilqugħ tal-ħadid. Fiċ-ċentru ta' kull wieħed minn dawn l-ilqugħ hemm maħduma ittra, f'tal-ewwel l-ittra "P" , tan-nofs l-ittra "Z" u l-oħra l-ittra "F". Dawn it-



tliet ittri li flimkien jiġu P. Z. F. huma l-inizjali ta' *Populus Zeitunensis Fecit*, jiġifieri "In-nies taż-Żejtun għamlu." Din hija xhieda tal-għajnuna li taw in-nies taż-Żejtun biex inbniet din id-dar.

Jekk niġu għall-kumplament tad-dekorazzjoni arkitettonika li hemm fil-faċċata, wieħed ma jistax ma josservax it-twieqi u l-bibien, kemm tas-sular t'isfel kif ukoll dawk ta' fuq fejn għandhom dekorazzjoni Neo-Klassika li tikkonsisti f'girlandi u drapp minquxin b'artistrija kbira fil-ġebla. Fuq il-blata tal-bieb tal-gallerija ċentrali, taħt il-frontun, naraw wiċċ t'anġlu mbuzzat 'il barra. Però l-isbaħ biċċa xogħol narawha fuq il-bieb li hemm fil-faċċata tal-ġenb. Biċċa skultura artistika li turi bust ta' tfajla ġo niċċa f'għamla t'arzella tixref idejha 'l barra minn fuq purtiera.



Tifkira oħra tal-benefatturi ta' din id-dar insibuha f'sala li hemm hekk kif tidħol f'din id-dar. *Basso reliev* ieħor minqux fil-ġebla li fih juri l-bust ta' żewġ personaġġi bl-arma tal-familja taħthom. Dawn m'huma ħadd ħlief l-Isqof Mattei u l-Kavallier Megino.



Niġu issa biex niflu sew il-mappa li hemm fuq il-bieb prinċipali. Is-soltu l-mapep insibuhom stampati fuq il-karta u mhux minquxa fil-ġebla, huwa dan il-fatt li tagħmel din il-mappa unika u ta' valur kbir. Tista' tgħid li l-mapep li nsibu fuq il-karta, anke dawk antiki li jkunu saru minn kartografi b'idejhom stess u mhux stampati, tkun saret aktar minn kopja waħda tagħhom, filwaqt li din il-mappa fil-ġebel, sa fejn huwa magħruf, ma sarux kopji oħra tagħha. Is-Sur Sandro Debono, il-Kuratur Anzjan tal-Mużew Nazzjonali tal-Arti, jattribwixxi dan ix-xogħol, flimkien mal-kumplament tal-iskultura li nsibu maż-żewġ faċċati ta' dan il-bini, lill-iskultur Mariano Gerada (1766 - 1823). Fil-fatt fil-Knisja tal-Ispirtu s-Santu nsibu wkoll skolpit fil-ġebel kwadru *basso reliev* iddedikat lill-Madonna tal-Pilar li huwa wkoll xogħol l-istess skultur. L-awtentiċità flimkien ma' din l-attribuzzjoni li dan l-artist Malti tant magħruf għax-xogħolijiet li għamel, ikompli jkabbar il-valur ta' dan il-wirt imprezzabbli.

Il-mappa hija mdawra fi gwarniċ, bħal qisha qiegħda fi kwadru. Imdendla fuq il-parti ta' fuq ta' dan il-kwadru naraw speċi ta' purtiera li t-truf tagħha jinżlu mal-ġnub wieqfa tal-kwadru u tislet ftit 'l isfel ukoll minn taħt il-parti t'isfel tal-kwadru. Din it-tip ta' dekorazzjoni hija sinonima mal-arti u l-arkitettura neo-klassika.

Il-mappa mhix waħda planimetrika iżda għandha perspettiva, dik li bl-Ingliż hija magħrufa bħala *birds eye view*. Sabiex niftiehmu aħjar, din turi dehra ta' kif wieħed jara lil Malta meta jkun qed itir minn fuq il-baħar u għadu ma wasalx fuq l-art. Id-dehra hija meħuda min-naħa tat-Tramuntana, minn post 'il barra mid-daħla ta' Wied il-Għajn, u taqbad mit-tarf tal-Port ta' Marsaxlokk fuq ix-xellug, sal-ponta ta' Tigne' fuq il-lemin. Id-dehra turi s-sebħ, għaliex hemm ix-xemx tielgħa mil-Lvant. Irridu napprezzaw il-fatt li meta saret din il-mappa, il-bniedem kien għadu ma sabx mezzi sabiex jitla' fl-għoli

u jtir, għalhekk min naqqax il-mappa jew immaġina dak li seta' jara mill-għoli, jew seta' uża xi mappa li nħadmet minn kartografu professjonali u kkopjaha. Anke jekk ġie użat it-tieni metodu, dan xejn ma jnaqqas mill-artistrija ta' dan ix-xogħol.

Jekk wieħed jifli l-mappa mill-qrib, wieħed jista' jara d-dettall li bih sar it-tinqix fil-ġebla. Hemm distinzjoni ċara bejn l-art u l-baħar permezz tad-disinn li ntuża. Jidher ukoll li hemm distinzjoni bejn art li hija agrikola u oħra li mhix. Iżda s-sabiħ fid-dettall insibuh fit-tinqix ta' postijiet prominenti (*landmarks*). Jekk nimxu mal-





kosta naraw żewġ torrijiet, wieħed bejn id-daħla ta' Wied il-Għajn u l-Bajja ta' San Tumas u l-ieħor fil-Port ta' Marsaxlokk. Bla dubju ta' xejn, dawn huma t-Torri San Tumas u t-Torri San Luċjan. Jekk wieħed ikompli miexi



mal-kosta, fuq in-naħa tal-lemin tal-mappa naraw b'mod ċar mhux biss id-daħliet tal-Port il-Kbir u tal-Port ta' Marsamxett, iżda wieħed jista' jara wkoll il-bini fuq it-tlett ibliet, il-belt Valletta u wkoll il-Ponta ta' Tigne'. Tidher ukoll b'mod ċar il-Gżira Manoel f'nofs il-Port ta' Marsamxett. Fil-baħar, fil-parti ta' quddiem tal-mappa, bejn il-Bajja ta' San Tumas u d-daħla ta' Wied il-Għajn, tidher ċar qed tbaħħar dgħajsa tal-Latini bil-qlugħ tipiku tagħha.

Id-dettalji tal-bini li nsibu fuq l-art 'il ġewwa mill-kosta jisbqu lil dawk li rajna mal-kosta. Hawnhekk nistgħu naraw sitt knejjes u fl-isfond il-belt tal-Imdina, bil-Katidral u mdawra bis-swar. L-orjentazzjoni u l-pożizzjoni ta' dawn il-knejjes, flimkien mad-dettall li għandhom jagħmluha faċli biex wieħed jagħraf liema huma. Hekk ngħidu li l-knisja taż-Żejtun, jidhru mhux biss il-kampnari u koppla kbira, iżda wkoll it-tliet arkati li hemm fuq il-faċċata tat-tramuntana. Faċċata tagħha,



fuq in-naħa tal-lemin, tħares lejn il-faċċata tal-knisja taż-Żejtun, naraw knisja oħra li tidher ta' daqs iżgħar minn dik taż-Żejtun. Din hija l-knisja ta' Ħal Tarxien. Bejn dawn iż-żewġ knejjes, iżda ftit aktar lura fil-mappa, naraw knisja oħra bil-faċċata tagħha tħares lejn it-tramuntana u għalhekk naraw il-faċċata prinċipali ta' knisja b'żewġ kampnari u koppla f'nofshom. Din hija l-knisja ta' Ħal Għaxaq. Ftit 'l isfel, fuq ix-xellug ta' dik li għidna li hija l-knisja taż-Żejtun, hemm knisja oħra żgħira li aktarx hija l-parroċċa l-qadima taż-Żejtun (San Girgor). 'L isfel mill-knisja ta' Ħal Tarxien nistgħu naraw il-knisja ta' Ħaż Żabbar. Fit-tarf tal-lemin tal-mappa, 'il fuq mill-Port ta' Marsamxett, naraw is-sitt knisja. Din m'għandhiex kampnari u għandha s-saqaf tagħha maqlub fuq żewġ naħat. Mhux ċar għal liema parroċċa din qed tirreferi.

Kif tistgħu taraw, minħabba l-awtentiċità u d-dettalji ta' din il-biċċa xogħol artistika, u aktar minn hekk, il-kundizzjoni mwiegħa li kienet tinsab fiha, wasslet

lil Wirt iż-Żejtun sabiex jintervjeni u jsalva dan il-wirt li ħallewlna missirijietna. Għalkemm jidher li xi ħadd kien diġa' pprova jintervjeni fuq il-mappa, deher ċar li minkejja r-rieda tajba wara dan l-intervent, ix-xogħol li kien sar kien biss ta' tiswija ta' xi partijiet li għal xi raġuni jidher li tkissru. Min-naħa ta' Wirt iż-Żejtun, ridna li l-intervent ta' konservazzjoni u restawr li jsir mill-għaqda, jkun wieħed professjonali u etikament korrett. Kien għalhekk li tqabbdet sa biex tagħmel dan ix-xogħol Jane Marie Vella, restawrattriċi professjonali miż-Żejtun. Ix-xogħol kien jikkonsisti f'tindif, konsolidazzjoni u restawr ta' partijiet nieqsa u sar matul ix-xahar t'April. L-inawgurazzjoni ta' dan ix-xogħol sar f'lejla mużiko letterarja fit-30 t'April 2015.





Wirt iż-Żejtun tixtieq tirringrazzja lil Madre Carmelina Farrugia, tal-kongregazzjoni Ulied il-Qalb ta' Ġesu', li mill-ewwel laqgħet ix-xewqa ta' Wirt iż-Żejtun sabiex tagħmel dan ix-xogħol fuq il-propjeta' tagħhom. Nirringrazzjaw ukoll lill-membri kollha ta' Wirt iż-Żejtun, li permezz tal-kontribuzzjoni u l-għajnuna tagħhom stajna niffinanzjaw dan il-proġett.


